

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1799

tat-22 ta' Ottubru 2019

li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' ġbir onlajn individwali skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/788 jistabbilixxi regoli riveduti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/788 jipprevedi li għall-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattivi taċ-ċittadini rreġistrati, l-organizzaturi jridu jagħmlu użu mis-sistema ċentrali ta' ġbir onlajn li tiġi stabbilita u operata mill-Kummissjoni. Madankollu, biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni, għal inizjattivi rreġistrati skont ir-Regolament (UE) 2019/788 qabel tmiem l-2022, l-organizzaturi jistgħu jagħżlu li jużaw is-sistema ta' ġbir onlajn individwali tagħhom stess.
- (3) Skont ir-Regolament (UE) 2019/788 jenħtieġ li sistema individwali li tintuża għall-ġbir online ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jkollha karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati fis-seħħ biex ikun żgurat li d-*data* tinġabar, tinħażen u tiġi ttrasferita b'mod sigur matul il-proċedura ta' ġbir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi, flimkien mal-Istati Membri, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu implimentati r-rekwiżiti għal sistemi individwali ta' ġbir onlajn.
- (4) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jissostitwixxu dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 ⁽³⁾, li għaldaqstant se jsir obsolet.
- (5) Jenħtieġ li l-miżuri tekniċi u organizzattivi li għandhom jiġu implimentati jimmiraw li jipprevjenu, kemm fil-ħin tat-tfassil tas-sistema u matul il-perjodu ta' ġbir, kwalunkwe pproċessar mhux awtorizzat ta' *data* u jipproteġuom kontra qerda aċċidentali jew illegali jew telfien aċċidentali, alterazzjoni, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.

⁽¹⁾ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru 2011 li jstipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi tal-ġbir online skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 301, 18.11.2011, p. 3).

- (6) Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-organizzaturi japplikaw proċessi ta' ġestjoni tar-riskju adegwati biex jidentifikaw ir-riskji għas-sistemi tagħhom u biex jiddeterminaw kontromiżuri xierqa u proporzjonali biex inaqqsu dawk ir-riskji għal livelli aċċettabbli. Jenħtieġ li l-organizzaturi jiddokumentaw b'mod xieraq ir-riskji għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* identifikati u l-miżuri meħuda biex jiġu miġġielda dawk ir-riskji, filwaqt li jitqiesu r-regoli tas-sigurtà u r-rekwiżiti applikati mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li r-regoli u r-rekwiżiti tas-sigurtà jkunu konformi mar-Regolament (UE) 2019/788 u jkunu disponibbli mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni fuq talba.
- (7) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-organizzaturi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, inkluż il-ħtieġa possibbli għal valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*.
- (8) Ir-rappreżentant ta' grupp ta' organizzaturi jew, skont il-każ, entità ġuridika msemmija fl-Artikolu 5(7) ta' dak ir-Regolament jitqies bħala kontrollur tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali f'sistema individwali ta' għbir onlajn.
- (9) Jenħtieġ li l-organizzaturi li jintroduċu bidliet fis-sistema ta' għbir onlajn individwali tagħhom wara li s-sistema tkun għet iċċertifikata jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-awtorità rilevanti ta' ċertifikazzjoni tagħhom jekk il-bidla tista' taffettwa l-valutazzjoni sottostanti. Qabel ma jagħmlu dan, l-organizzaturi jistgħu jitolbu l-parir tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni biex jivverifikaw jekk il-bidla jistax ikollha impatt u jenħtieġ li għalhekk jiġu nnotifikati.
- (10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ u pprovdha kummenti formali fis-16 ta' Settembru 2019. L-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni tan-Netwerk għet ikkonsultata u pprovdiet kummenti fit-18 ta' Lulju 2019.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilita taħt l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/788,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. L-organizzaturi għandhom jiżguraw li s-sistema ta' għbir onlajn individwali tagħhom tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness matul il-perjodu ta' għbir.
2. L-organizzaturi għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/788, il-bidliet li jiddaħħlu fis-sistema jew fil-miżuri ta' appoġġ organizzazzjonali wara li s-sistema tkun għet iċċertifikata minn dik l-awtorità, meta dawk il-bidliet ikunu jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni sottostanti għaċ-ċertifikazzjoni. Qabel ma jagħmlu dan, l-organizzaturi jistgħu jitolbu l-parir tal-awtorità kompetenti biex jivverifikaw jekk il-bidla jistax ikollha impatt.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

1. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI BIL-GĦAN LI JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 11(4)(A) TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/788

Is-sistema għandha timplimenta miżuri tekniċi biex tiżgura li persuni fiżiċi biss ikunu jistgħu jissottomettu dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Il-miżuri tekniċi ma għandhomx jeħtieġu li tinġabar u tinħażen aktar data personali minn dik li hija elenkata fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/788.

2. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI BIL-GĦAN LI JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 11(4)(B) TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/788

L-organizzaturi għandhom jistabbilixxu miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati u effettivi biex jimmaniġġaw ir-riskji għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom, biex jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta fuq l-inizjattiva fis-sistema ta' għbir onlajn u kif ippreżentata onlajn lill-pubbliku tikkorrispondi mal-informazzjoni ppubblikata fuq l-inizjattiva fir-reġistru li hemm referenza għalih fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2019/788.

L-organizzaturi għandhom jiżguraw li:

- (a) l-informazzjoni pprovduta dwar l-inizjattiva fis-sistema ta' għbir onlajn tikkorrispondi mal-informazzjoni ppubblikata fir-reġistru;
- (b) is-sistema tippreżenta l-informazzjoni dwar l-inizjattiva ppubblikata fir-reġistru qabel ma ċ-ċittadin iressaq id-dikjarazzjoni ta' appoġġ;
- (c) hemm fis-seħħ miżuri ta' sigurtà biex jiġi żgurat li l-oqsma ta' entrati tad-data fid-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu ppreżentati flimkien mal-informazzjoni dwar l-inizjattiva, sabiex jiġi evitat ir-riskju li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu ppreżentati fuq inizjattiva differenti permezz ta' rappreżentazzjoni ħażina tal-inizjattiva;
- (d) is-sistema tiżgura li wara l-preżentazzjoni d-data fid-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu ssejvjati flimkien mal-informazzjoni dwar l-inizjattiva;
- (e) miżuri ta' sigurtà huma fis-seħħ biex jiġi evitat li jsiru bidliet mhux awtorizzati fl-informazzjoni pprovduta dwar l-inizjattiva fis-sistema ta' għbir onlajn.

3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI BIL-GĦAN LI JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 11(4)(C) TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/788

Is-sistema għandha tiżgura li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jiġu ppreżentati skont l-oqsma tad-data fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2019/788.

Is-sistema għandha tiżgura li persuna tista' tippreżenta dikjarazzjoni ta' appoġġ biss wara li tkun ikkonfermat li tkun qrat id-dikjarazzjoni ta' privatezza tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/788.

4. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI BIL-GĦAN LI JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 11(4)(D) TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/788**4.1. Governanza**

4.1.1. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinnomina uffiċjal tas-sigurtà li għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tas-sistema u t-trażmissjoni sigura tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli. L-uffiċjal tas-sigurtà għandu jissorvelja l-proċessi tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni u l-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà biex jiżgura l-għbir, il-ħżin u t-trażmissjoni siguri tad-data pprovduta mill-firmatarji.

4.1.2. L-organizzaturi jistgħu jitolbu lill-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 biex jipprovdur r-regoli tas-sigurtà applikabbli u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ta' sistemi individwali ta' għbir onlajn. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdur r-regoli u r-rekwiżiti tas-sigurtà, bħala regola fi żmien xahar wara li tkun irċeviet it-talba. Ir-regoli u r-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għandhom ikunu konformi ma' standards ta' sigurtà nazzjonali jew internazzjonali xierqa eżistenti.

4.1.3. Ir-regoli tas-sigurtà u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistema għandhom jindirizzaw ir-riskji definiti fit-Taqsima 4.2 u għandhom iqisu l-ispeċifikazzjonijiet fit-Taqsima 4.3.

4.2. Assigurazzjoni ta' Informazzjoni

4.2.1. L-organizzaturi għandhom jużaw il-proċessi ta' ġestjoni biex jidentifikaw ir-riskji marbuta mal-użu tas-sistemi tagħhom, inkluż għad-drittijiet u l-libertajiet tal-firmatarji, u biex jiddeterminaw il-miżuri xierqa u proporzjonali għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom.

Il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju għandu jiffoka b'mod partikolari fuq ir-riskji relatati mal-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni fis-sistema. Dawn ir-riskji jistgħu jkunu r-riżultat ta' theddid, inkluż:

- (a) żbalji tal-utent;
- (b) żbalji tal-amministratur tas-sistema/tas-sigurtà;
- (c) żbalji ta' konfigurazzjoni;
- (d) infezzjoni ta' softwer malizzjuż;
- (e) alterazzjoni aċċidentali ta' informazzjoni;
- (f) żvelar ta' informazzjoni;
- (g) vulnerabbiltajiet tas-softwer;
- (h) aċċess mhux awtorizzat;
- (i) interċettar tat-traffiku ta' informazzjoni;
- (j) riskji għall-protezzjoni tad-*data*.

4.2.2. L-organizzaturi għandhom jipprovdu dokumentazzjoni li turi li huma:

- (a) ivvalutaw ir-riskji tas-sistema;
- (b) iddeterminaw miżuri xierqa biex jipprevjenu u jimmitigaw l-impatt ta' inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà tas-sistema;
- (c) identifikaw ir-riskji residwi;
- (d) implimentaw il-miżuri u vverifikaw l-implimentazzjoni tagħhom;
- (e) ipprovdu il-mezzi organizzattivi sabiex jirċievu informazzjoni dwar theddid ġdid u titjib tas-sigurtà;
- (f) jikkonformaw tul il-proċess kollu ta' għbir mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/788, inkluż li jkollhom fis-seħħ il-proċessi meħtieġa biex jiżguraw dan.

4.2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà tas-sistemi għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin:

- (a) sigurtà tar-riżorsi umani;
- (b) kontroll tal-aċċess;
- (c) kontrolli kriptografiċi;
- (d) sigurtà fiżika u ambjentali;
- (e) sigurtà tal-operazzjonijiet;
- (f) sigurtà tal-komunikazzjoni;
- (g) akkwiżizzjoni, żvilupp u manutenzjoni tas-sistema;
- (h) il-ġestjoni ta' inċidenti tas-sigurtà tal-informazzjoni;
- (i) konformità.

L-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' sigurtà jaf tkun limitata għall-partijiet tal-organizzazzjoni li huma rilevanti għas-sistema ta' ġbir onlajn. Pereżempju, is-sigurtà tar-riżorsi umani jaf tkun limitata għal kwalunkwe persunal li jkollu aċċess fiżiku jew loġiku għas-sistema ta' ġbir onlajn, u s-sigurtà fiżika/ambjentali jaf tkun limitata għall-bini fejn isir il-hosting tas-sistema.

4.2.4. Meta l-organizzaturi jagħmlu użu minn proċessur għall-iżvilupp jew l-iskjerament tas-sistemi ta' ġbir onlajn jew ta' partijiet minnhom, l-organizzaturi għandhom jipprovdu dokumentazzjoni li tippermetti lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taċċerta li l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa jkunu fis-seħħ.

4.3. **Kriptaġġ tad-data**

Is-sistema għandha tipprovdi għall-kriptaġġ segwenti tad-*data*

- (a) id-data personali f'format elettroniku għandha tiġi kriptata meta maħżuna jew trasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/788, u l-keys jiġu ġestiti u miżmuma separatament;
 - (b) algoritmi standard u keys xierqa adegwati għandhom jintużaw skont l-istandards internazzjonali (bħall-istandard ETSI). Il-ġestjoni tal-keys għandha tkun fis-seħħ;
 - (c) il-keys u l-passwords kollha jkunu protetti minn aċċess mhux awtorizzat.
-